MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 590/2004

**Duncan Formosa**

**Vs**

**Owen Axisa**

Din il-kawza tittratta dwar incident li sehh gewwa l-istabbiliment The Alley, Triq Wilga, Paceville fl-1 ta' Jannar 2003. L-attur qieghed jippretendi li jithallas somma flus ghad-danni li qieghed isostni li sofra meta l-konvenut hebb ghalih u tah daqqa ta' tazza f'wiccu. Minhabba l-griehi li sofra, jghid li qieghed ibaghati minn debilita permanenti. Incident li jidher li nqala' mix-xejn.
Min-naha tal-konvenut ighid li m'huwiex responsabbli ghall-incident (nota tal-eccezzjonijiet prezentata fid-29 ta' Settembru 2004).
Mill-atti jirrizulta li b'sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Marzu 2004, il-konvenut instab hati li kkaguna offiza

involontarja fuq Formosa fl-incident li sehh fl-1 ta’ Jannar 2003 u kkundannatu jhallas multa ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300). Il-qorti kkonkludiet li *‘mill-kumpless tal-provi, tenut kont tal-atmosfera ta’ dik il-lejla partikolari tar-rassa tan-nies u ta’ nuqqas ta’ dawl adegwat wiehed jista’ jimmagina dak li gara. Ma hemmx dubju li l-imputat ma riedx ikollu xi jghid ma Duncan Formosa u l-istess ghandu jinghad ghal Duncan Formosa. L-azzjoni ta’ l-imputat tista’ tigi kklasifikata bhala wahda involontarja li kellha l-konsegwenzi hawn fuq deskritti.’*. L-offiza involontarja fuq il-persuna ssehh meta persuna *‘b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti....’* tikkaguna offiza fuq il-persuna (Artikolu 225 u 226 tal-Kodici Kriminali). Mela il-konvenut kien traskurat, negligenti fl-agir tieghu gialadarba instab hati ta’ offiza involontarja fuq il-persuna.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet li l-konvenut ipprezenta fl-14 ta’ Frar 2012 iddikjara li: *‘….. l-ferita kagunata fuq il-persuna ta’ l-attur kienet xejn hlief rizultat ta’* ***legittima difeza*** *ta’ l-esponenti ghad-daqqiet li sofra l-esponenti stess.’*. Ghalkemm fil-proceduri kriminali l-konvenut gie liberat li kkaguna offiza volontarja, ma jfissirx li din il-qorti ghandha tasal ghall-istess konkluzjoni. Il-verzjoni li ta l-konvenut meta xehed m’hijiex bazata fuq legittima difeza, izda li involontarjament laqghat lill-attur (fol. 119). L-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) jipprovdi :-

*‘Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnat jew permessi mil-ligi jew l-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta’ wiehed innifsu jew ta’ haddiehor.’*.

Ghal legittima difeza l-persuna tuza l-forza biex tiddefendi lilha nnifisha. Quddiem aggressjoni ingusta f’termini obbjettivi u inevitabli, il-persuna ghandha l-jedd li tagixxi b’mod proporzjonat ghall-offiza, bl-ghan li tevita hsara attwali. Il-konvenut xehed li kull ma ghamel kien li gholla idu biex jilqa’ d-daqqa ta’ flixkun li kien ser jatih l-attur, u involontarjament laqghet wicc l-attur bit-tazza li kellu f’idu. Jekk wiehed kellu jemmen din il-verzjoni, ma jidhirx li hemm post ghad-difiza ta’ legittima difeza.

Il-qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet totalment differenti minn xulxin :*“mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt*

*ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*- **Carmelo Farrugia v Rokku Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fl-24 ta' Novembru 1966.

Il-konvenut xehed li bi zball kien waqqa' drink fuq l-attur u nhasad bir-rejazzjoni li kellu Formosa ; *'Dan ir-ragel, li wara sirt naf li kien Duncan Formosa, kellu flixkun tal-birra f'idejh, beda jkellimni hazin u f'radda ta' salib xejjirli daqqa b'dan il-flixkun fuq wicci. F'dak il-hin kif gja ghidt, jien inhsadt u billi kelli idi mghollija biex nipprova ma nolqot lil hadd bit-tazza, jiena ippruvajt nevita li naqla daqqa ta' flixkun billi ghollejt idi biex nilqa' d-daqqa ta' flixkun.'*. Il-qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-konvenut:-

i. Fl-affidavit li ghamel il-konvenut ta x'jifhem li qiesu lanqas jaf kif l-attur wegga. Min-naha l-ohra fin-nota ta' sottomissjonijiet qal li l-ferita li sofra l-attur kienet rizultat ta' legittima difeza. Zewg verzjonijiet li jikkontradicu lil xulxin.

ii. Fl-affidavit qal li kien sejjer fid-direzzjoni tat-toilet u kellu idu mghollija biex ma jolqot lil hadd. Kompla jzid li pprova jevita d-daqqa ta' flixkun billi gholla idu biex jaqla' d-daqqa ta' flixkun. In kontro-ezami kkonferma li kien miexi b'tazza f'idu u *'…kienet ftit elevata habba r-rassa tan-nies…'* (fol. 91). Spjega kif dak li kien hemm fit-tazza waqa' fuq l-attur u *'...... dahar bir-rabja u speci kellu l-*

*flixkun f'idejh u xejjer daqqa ta' flixkun.'*. Zied ighid li *'Issa kelli idi diga qeghda f'post elevat bhal ma diga ghidt, u b'reazzjoni ta' hasda jiena ghollejt idejja'*. Il-qorti staqsiet *'Ghollejt idejk u x'gara per konsegwenza ta' hekk ?'*, u wiegeb *'Ilqatt lil Duncan Formosa.'*. Il-qorti ma tifhimx, gialadarba Axisa xehed li meta kien miexi kellu jdejh mghollija (tifhem li din kienet l-istess id li fiha kien qieghed izomm it-tazza) biex jevita milli jolqot lil xi hadd. Jekk Axisa diga' kellu jdejh mghollija, wiehed minghajr ma jrid jistaqsi kif seta' jerga' jgholli jdejh. F'dan il-kuntest il-konvenut ma offra l-ebda spjegazzjoni.

iii. In kontro-ezami l-konvenut ghamel enfazi li l-agir tieghu kien involontarju. Il-qorti ma taqbilx. Ma tifhimx kif l-attur spicca sofra griehi f'wiccu b'daqqa ta' tazza jekk hu veru li l-konvenut sempliciment gholla idu biex jilqa' daqqa ta' flixkun minghand l-attur. M'huwiex verosimili li jekk l-affarijiet graw bil-mod kif irrakkonta l-konvenut, wicc l-attur kien qieghed ma' gemb id il-konvenut li qal li gholla jdejh biex jevita daqqa ta' flixkun. Kieku din kienet il-verita, fuq bazi ta' probabilita id l-attur kienet tolqot it-tazza u l-attur ma kienx jispicca b'ferita f'wiccu b'daqqa ta' tazza.
Il-konvenut ressaq bhala xhud lil Walter Sammut li qal li l-konvenut gholla idejh u *'bit-tazza laqat lill-iehor go wiccu'*, u ma rax lill-attur ixejjer daqqa ta' flixkun f'wicc Axisa. Verzjoni li tikkontradici dak li qal il-konvenut fl-affidavit, li l-attur *'…. Beda jkellimni hazin u f'radda ta' salib xejjirli daqqa b'dan il-flixkun fuq wicci.'*. Xhud iehor li ressaq il-konvenut kienet Annalise Farrugia li tghid : *'Hin minnhom, rajt guvni li kien mal-bar idur* ***b'kemm ghandu sahha****, bi flixkun f'idejh u jilghab daqqa lil Owen go wiccu.* ***Rajt lil Owen jaqa lura fuq in-nies.****'*. Kieku l-affarijiet graw bil-mod li rrakkontat din ix-xhud, l-attur ma kienx jispicca b'ferita f'wiccu b'daqqa ta' tazza. L-istess jinghad fir-rigward ta' Simon Mangion. Ghall-qorti hu suspettuz kif dawn iz-zewg xhieda jghidu li raw lill-attur jaghti daqqa f'wicc il-konvenut, izda ma semmew xejn dwar id-daqqa ta' tazza li qalgha l-attur. Il-qorti ghandha dubji serji kemm ix-xhieda li ressaq il-konvenut raw l-incident sew, meta tqies ukoll li ma kienux hdejn il-partijiet, id-dlam li jidher li kien hemm fl-istabbiliment u r-rassa tan-nies.

Ghal dawk li huma danni, il-qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

i. **<u>Lucrum Cessans</u>** – fil-fehma tal-qorti ma hemmx danni x'jigu likwidati. L-espert mediku nominat mill-qorti rrelata: '*Il-marka li ghandu Formosa fuq in-naha tal-lemin tal-wicc se jibqa hemm u l-valur tieghu huwa purament estetiku u ma ghandu l-ebda valur mil-lat funzjonali*.'. F'dawn ic-cirkostanzi m'hemmx lok li jsir ezercizzju simili ghal dak li sar fil-kaz ta' **Michael Butler v Christopher Heard**.

**ii.** **<u>Danni ohra</u>** – Fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2011 il-qorti kellha l-opportunita li tara scar li baqghet tidher f'wicc l-attur. Scar li wara t-trapass ta' dawn is-snin kollha minn meta sehh l-incident, 1 ta' Jannar 2003, m'hijiex daqstant evidenti u trid thares mill-vicin biex tinduna biha. It-tabib Dr Joseph Briffa, f'rapport li ghamel fid-9 ta' April 2004, iddikjara li '*Plastic surgical revision of the scars is not indicated as once again this will not give better results than the current situation*.'. Madankollu m'ghandux ikun li persuna li sofriet din it-tip ta' hsara ma tigix kumpensata. Kif nghad fil-kawza **Alex Vella Falzon vs George Vassallo** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (presjeduta mill-Onor. Imhallef J. Said Pullicino) fil-5 ta' Ottubru 1993:-
*"…. L-attur fieq sewwa mill-griehi li kellu sal-punt li ma kellux isofri konsegwenzi fil-kapacita' lavorattiva tieghu. Dan ma jfissirx pero' li l-attur ma sofra l-ebda danni tangibbli. Il-qorti ma tikkondividix l-opinjoni li una volta ma rrizulta l-ebda grad debilita' permanenti, allura l-kaz ghal lucrum cessans huwa maghluq.* ***Ma tarax kif tista' tittratta l-griehi permanenti u l-manifestazzjoni taghhom permezz ta' l-iscars li jsofri l-gisem tal-bniedem differentement minn hsara fuq bumper jew parti ohra ta' karrozza danneggjata****. Mhux legittimu li wiehed jesigi li min hu responsabbli ghall-incident ghandu jbiddel part ta' karrozza meta din ma tkunx tista' tissewwa b'mod perfett jew ghax il-vettura tkun gdida, imma li ma ghandu jaghmel tajjeb ghal xejn jekk min korra ser jibqa' sfigurat ghal ghomru ghax dak l-isfregju mhux ser jaffettwalu l-qligh tieghu. Mhux korrett li dawn l-iscars jigi ekwiparati ghal pain and suffering, kuncett pjuttost astratt*

*u intangibbli. L-iscars huma ghal kuntrarju hsara reali u tangibbli li, fit-teorija, il-konvenut hu tenut li jirrimedja ghaliha”*. Il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tiffissa s-somma ta‘ elfejn u hames mitt ewro (€2,500) ghall-marka li ghandu f’wiccu l-attur.

Danni ohra li jissemmew fl-affidavit tal-attur. Gialadarba l-qorti ma emmintx il-verzjoni tal-konvenut u anzi fuq bazi ta’ probabilita hi moralment konvinta li l-verzjoni tal-attur ghandha mis-sewwa, hi tal-fehma li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni l-ohra li sofra l-attur. Ir-reazzjoni tal-konvenut kienet bla bzonn u nqalghat glieda bla bzonn f’okkazzjoni li suppost kellha tkun wahda ta’ ferh. Wara li l-qorti qieset dak li qieghed jippretendi l-attur (ara affidavit) tillikwida s-somma ta’ elf mija u hamsin ewro (€1,150). F’dan ir-rigward hadet ukoll in konsiderazzjoni deprezzament fil-valur ta’ certu oggetti li jissemmew.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef sitt mija u hamsin ewro (€3,650).**
**Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------